MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 37/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sharon Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sharon Ellul talli fil-11 ta’ Novembru 2008 ghall-habta ta’ 13:00 hrs fir-residenza (fil-garaxx li hemm mar-residenza) ‘Casiteman’ Triq Tumas Galea, Luqa hebbet jew ippruvat thebb ghal zewgha Louis Ellul billi wadbet *dummy camera* fid-direzzjoni tieghu minghajr ma kkagunatlu l-ebda offiza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmija Sharon Ellul hatja

tal-imputazzjoni kif dedotta u lliberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar mid-data tas-sentenza ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Sharon Ellul pprezentat fid-9 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara illi ma kinitx hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'dan il-mod tilliberaha minn kwalunkwe imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti huwa bazikament li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi, u kien ir-ragel ta' l-appellanti li pprovoka l-incident bl-agir tieghu. L-appellanti tghid li zewgha ma setax iwahhal tabella ghall-bejgh tad-dar minghajr il-kunsens taghha u ghalhekk kien legittimu li tmur tkellmu dwar dan. Meta dahlet fid-dar matrimonjali ndunat lib has-soltu kienet imdawwra b'hafna *cameras* u zewgha kien anke qieghed jiehu *video* billi jipponta l-*mobile* f'wiccha minghajr ma beda jkellimha. Jidher li l-ewwel Qorti njorat il-fatt li zewg l-appellanti kien ordnat b'digriet ta' l-1 ta' Ottubru 2008 li jnehhi l-*cameras* li kien wahhal gewwa d-dar matrimonjali izda huwa kien halla l-*cameras* mad-dar kollha. Fix-xiehda tieghu l-*parte civile* qal li l-*camera* li kienet is-suggett ta' din il-kawza kienet fuq it-tarag ta' mal-garaxx minhabba li xi tfal kienu joqoghdu jdoqqu l-qanpiena tad-dar, izda l-fatt li hemm *cameras* ohra gewwa d-dar juri li l-imsemmija *camera* ma kinitx hemm ghall-iskop li huwa semma. Emmanuel Bellia jikkorrobora l-prezenza tal-*cameras* fid-dar jigbdu kull ma jkun ghaddej. L-appellanti tghid illi hi ma waddbitx il-*camera* izda tajjritha u giet hdejn zewgha minhabba l-ispazju zghir bejn il-garaxx u t-tarag. Mir-ritratt esebit jidher li l-*camera* kienet diga`mkissra qabel dan l-incident. Tghid li ma kinitx *dummy camera* kif tixhed il-bozza l-hamra li tidher fl-istess ritratt. Il-*parte civile* ma gab l-ebda

prova li l-*camera* twaddbet lejh. Mill-banda l-ohra l-appellanti ma cahditx li fil-frustrazzjoni tajjret wahda mill-hafna *cameras* li l-*parte civile* kellu ordni tal-Qorti li jnehhi, izda bl-ebda mod ma kellha intenzjoni u l-anqas ma kien il-kaz li waddbet il-*camera* fid-direzzjoni ta' zewgha sabiex thebb ghalih jew tweggghu.

Din il-Qorti semghet bir-reqqa kollha dak li kellhom xi jghidu l-*parte civile* Louis Ellul u martu l-appellanti. Il-verzjonijiet taghhom huma djametrikament opposti. Il-*parte civile* jghid illi martu qabdet id-*dummy camera* u waddbithielu. L-appellanti tghid li tajritha b'idejha b'mod volontarju u mhux li qabditha u waddbitha. Il-verita` hi li minn dak li qalu l-partijiet u minn ezami tad-dokumenti esibiti, iz-zewg verzjonijiet jistghu jitwemmnu. Irid jinghad illi l-appellanti ma gietx akkuzata bi hsara volontarja fuq il-*camera* izda li hebbet ghal zewgha bl-istess *camera* billi waddbithielu. Jigifieri irid jirrizulta li l-appellanti kellha l-hsieb li thebb ghal zewgha bil-*camera* meta din spiccat ma' l-art, kif jghid il-*parte civile*, hdejn saqajh. L-appellanti tammetti li tajjritha l-*camera* izda mhux bil-hsieb li ttajjarha fuq zewgha. Jekk il-hsieb taghha kien li tkisser il-*camera* minhabba li kienet irrabjata, ma tistax tinsab hatja ta' reat kompletament differenti.

F'dawn ic-cirkostanzi, minhabba konflitt evidenti fil-provi, ma jistax jinghad li l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti giet sodisfacentement ippruvata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u minnha tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------